

Brussell, 24 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13152/25

AG 141	COMPET 911
INST 261	CULT HERIT 16
SOC 622	EMPL 410
COH 176	STATIS 65
SUSTDEV 70	PTOM 15
ECOFIN 1234	FREMP 247
BUDGET 24	GENDER 175
DEVGEN 157	ANTIDISCRIM 84

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6015 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Il-politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u s-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 6015 final.

Mehmuż: C(2025) 6015 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
C(2025) 6015 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Il-politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u s-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali"

1. INTRODUZZJONI: INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE), skont l-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni bil-għan li jiġu implimentati t-Trattati tal-UE. Biex jagħmlu dan, iridu jiġbru firem minn mill-anqas miljun ċittadin tal-UE u jilhqqu l-limiti minimi meħtieġa f'mill-anqas seba' Stati Membri. Ir-Regolament (UE) 2019/788¹ (ir-“Regolament dwar l-IĊE”) jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-IĊE.

“Il-politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u s-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali” hija l-ħdax-il IČE² ppreżentata lill-Kummissjoni għal eżami, wara li laħqet il-limiti meħtieġa mit-TUE u mir-Regolament dwar l-IĊE. Hija wkoll l-ewwel inizjattiva ta' suċċess li trid tiġi eżaminata mill-Kummissjoni skont il-mandat 2024-2029 tagħha.

L-organizzaturi jiddeskrivu l-oġġettivi tagħhom kif ġej:

Il-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tagħti attenzjoni speċjali lil reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi li huma differenti minn dawk tar-reġjuni tal-madwar.

“Għal dawn ir-reġjuni, inklużi żoni ġeografiki bl-ebda kompetenzi amministrattivi, jenħtieġ li l-prevenzjoni ta' xogħol ekonomiku b'lura, is-sostenn tal-iżvilupp u l-preservazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali jsiru b'mod li jiżguraw li l-karatteristiċi tagħhom jibqgħu l-istess. Għal dan, dawn ir-reġjuni għandu jkollhom l-istess opportunità biex ikollhom aċċess għal fondi varji tal-UE u l-preservazzjoni tal-karatteristiċi tagħhom u l-iżvilupp ekonomiku xieraq tagħhom għandu jkun garantit, sabiex ikun jista' jiġi sostnut l-iżvilupp tal-UE u tinżamm id-diversità kulturali tagħha.

F'Anness ippreżentat mat-talba għar-reġistrazzjoni tagħhom, l-organizzaturi ppreżentaw diversi proposti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-IĊE:

1. Jiġi definit il-kunċett ta' “reġjuni ta' minoranza nazzjonali/etnika”, jew sempliċiment “reġjuni nazzjonali”, jiġifieri “reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi li huma differenti minn dawk tar-reġjuni tal-madwar” f'att legali tal-UE.
2. Lil hinn mid-definizzjoni tal-kunċett ta' reġjuni nazzjonali, l-att legali li għandu jiġi elaborat mill-Kummissjoni jrid jidentifika wkoll b'mod espliċitu dawn ir-reġjuni, filwaqt li jqis il-kriterji fid-dokumenti internazzjonali elenkati³ u r-rieda tal-komunitajiet affettwati.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55-81; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>).

² https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2019/000007_mt.

³ Id-dokumenti elenkati huma: ir-Rakkomandazzjoni 1811/2007 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reġjonalizzazzjoni fl-Ewropa; il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali; ir-Rakkomandazzjoni 1201/1993 tal-Kunsill tal-Ewropa; il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji; ir-Rakkomandazzjoni 1334/2003 tal-Kunsill tal-Ewropa; it-tradizzjonijiet konstituzzjonali li huma komuni bejn l-Istati Membri; il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; l-Artikolu 3 tat-TUE; l-Artikolu 167 tal-TFUE.

3. Tiġi estiża l-lista ta' reġjuni li huma anqas favoriti msemmija fl-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex jiġu inklużi kategoriji ġodda, bħal reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, lingwistiċi u kulturali distinti, imsejħa reġjuni ta' minoranza nazzjonali/etnika.
4. L-iżgurar li l-Fondi tal-Unjoni ma jintużawx b'modi li jbiddu l-kompożizzjoni etnika, l-identità reġjonali, jew il-wirt kulturali tar-reġjuni nazzjonali. Dan jinkludi l-prevenzjoni tal-użu ta' Fondi tal-Unjoni biex jiġu appoġġati l-politiki dwar l-impjiegi li jinkoraġġixxu r-residenza ta' forza tax-xogħol bi sfondi kulturali jew lingwistiċi differenti.
5. Jitqiesu l-konfini lingwistiċi, etniċi u kulturali meta tiġi fformata l-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS, Nomenclature of territorial units for statistics). Il-grupp ta' organizzaturi jipproponi li dawn il-konfini għandhom jirriflettu r-rieda tal-komunitajiet awtoktoni, espressa permezz ta' referendum lokali qabel id-delimitazzjoni tar-reġjuni.
6. L-iżgurar li l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom rigward il-minoranzi nazzjonali. L-organizzaturi jqisu li n-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-impenji jikkostitwixxi ksur tal-valuri elenkati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li potenzjalment jiskatta proċedura ta' ksur kif deskritt fl-Artikolu 7.

L-organizzaturi talbu li l-Kummissjoni tirreġistra l-inizjattiva fit-18 ta' Ġunju 2013. Il-Kummissjoni inizjalment irrifjutat li tirreġistra l-ICE proposta⁴, filwaqt li ddikjarat li s-suġġett tagħha kien manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati. Madankollu, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-420/16 P⁵, il-Kummissjoni rreġistrat l-inizjattiva fis-7 ta' Mejju 2019, għalkemm b'mod kwalifikat. L-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni⁶ jiddikjara li dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva jistgħu jinġabru biss “abbażi tal-fehim li timmira għal proposti mill-Kummissjoni ta' atti legali li jistabbilixxu l-kompiti, l-oġġettivi ta' prijorità u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali u sakemm l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati jwasslu għat-tiżiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni”.

Barra minn hekk, il-Premessa 5 tad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tiddikjara li “l-atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati jistgħu jiġu adottati fid-definizzjoni tal-kompiti, l-oġġettivi prijoritarji u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali li jistgħu jinvolvu r-raggruppament tal-Fondi, skont l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)”.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4975 tal-25 ta' Lulju 2013.

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2019, *Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis vs Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-420/16 P, ECLI:EU:C:2019:177. L-organizzaturi, appoġġati mill-Ungerija, kienu talbu lill-Qorti Ġenerali għall-annullament tar-rifjut tal-Kummissjoni li tirreġistra l-ICE (il-Kawża T-529/13). Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-applikazzjoni. L-organizzaturi mbagħad appellaw is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (il-Kawża C-420/16 P), li annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-529/13 u annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4975.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/721 tat-30 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva proposta taċ-ċittadini bititolu “Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali” (notifikata bid-dokument C(2019) 3304), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/721/oj>.

Għaldaqstant, l-eżami tal-Kummissjoni ta' din l-IĊE huwa bbażat strettament fuq il-kontenut kif irreġistrat, aktar milli fuq il-ġeneralità tal-oġġettivi tal-inizjattiva kif stabbilita mill-grupp ta' organizzaturi. Ir-reġistrazzjoni kwalifikata tal-IĊE għet ikkonfermata mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali⁷ u tal-Qorti tal-Ġustizzja⁸.

Wara l-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li għet iffinalizzata fl-2022, l-organizzaturi ppreżentaw formalment l-IĊE lill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2025⁹. Fl-istess data, il-Kummissjoni ppubblikat l-avviż rilevanti li jikkonferma l-validità tal-inizjattiva fir-reġistru tal-IĊE. Huma elaboraw ulterjorment dwar l-oġġettivi tal-inizjattiva matul laqgħa mal-Kummissjoni fil-25 ta' Marzu 2025 u bi preżentazzjoni bil-miktub wara dik il-laqgħa, kif ukoll matul seduta pubblika organizzata mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ġunju 2025. Barra minn hekk, fl-10 ta' Lulju 2025 sar dibattitu plenarju fil-Parlament Ewropew dwar l-IĊE.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-analiżi u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-inizjattiva u kwalunkwe azzjoni li beħsiebha tiegħu b'reazzjoni għall-inizjattiva f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar l-IĊE.

2. KUNTEST

2.1. Qafas legali eżistenti

Politika ta' koeżjoni tal-UE

B'baġit totali ta' EUR 392 biljun għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-politika ta' koeżjoni hija l-politika ewlenija ta' investiment tal-Unjoni Ewropea biex jiġi implimentat l-oġġettiv tat-Trattat li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, l-Unjoni hija impenjata li “tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti”, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lil “żoni rurali, lil żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal pereżempju r-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, reġjuni transfruntiera u reġjuni muntanjużi”.

⁷ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2021, *Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-495/19, EU:T:2021:781.

⁸ Is-sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Frar 2024, *Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni Ewropea, L-Ungerija*, Kawża C-54/22 P, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/2387/oj>.

⁹ Din l-IĊE għet irreġistrata skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/211/2020-01-01> (l-ewwel Regolament dwar l-IĊE). L-ewwel Regolament dwar l-IĊE ma stabbilixxiex skadenza sa meta l-organizzaturi kellhom jippreżentaw l-inizjattiva valida tagħhom lill-Kummissjoni għall-eżami.

Il-politika ta' koeżjoni hija ta' benefiċċju għar-reġjuni kollha tal-UE, u għandha l-għan li tagħti spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, issaħħaħ il-kompetittività tan-negozju, trawwem it-tkabbir ekonomiku u tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tal-UE.

Din titwassal permezz ta' erba' fondi ddedikati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali (FEŻR), li jinvesti fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni kollha tal-UE; il-Fond ta' Koeżjoni, li jinvesti fl-ambjent u fit-trasport fil-pajjiżi tal-UE li huma anqas prosperużi; il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li jappoġġa l-impjiegi u joħloq soċjetà ġusta u soċjalment inklużiva fil-pajjiżi tal-UE; u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund) li jappoġġa r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

Enfasi territorjali

Il-politika ta' koeżjoni hija mfassla b'enfasi territorjali qawwija. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni huwa kkonċentrat fuq pajjiżi u reġjuni anqas żviluppati sabiex jgħinhom jikbru u jlaħħqu ma' reġjuni aktar żviluppati. Biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li jippersistu, l-UE tgħin liċ-ċittadini kollha, jgħixu fejn jgħixu, filwaqt li fl-istess ħin iżżid il-potenzjal tat-tkabbir tal-Unjoni.

Il-politika ta' koeżjoni tipprovdi wkoll għodod speċjali ta' kura jew ta' investiment lit-territorji biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. Dawn huma ta' benefiċċju għal: reġjuni tal-fruntiera u żoni involuti fil-kooperazzjoni transfruntiera; żoni urbani; żoni remoti, muntanjużi, gżejjer u skarsament popolati; u reġjuni ultraperiferiċi.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u minn finanzjament addizzjonali biex jikkompensaw għas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika flimkien mal-iżvantaġġi permanenti li jirriżultaw mill-fatturi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE. Ir-reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u minn finanzjament addizzjonali biex jikkompensaw għall-iżvantaġġi gravi u naturali jew demografiċi msemmija fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att tal-Adeżjoni tal-1994.

Madankollu, il-politika ta' koeżjoni ma hijiex biss dwar l-appoġġ territorjali. Għandha impatt qawwi f'ħafna oqsma. L-investimenti tagħha jgħinu sabiex jintlaħqu bosta objettivi tal-politika tal-UE u jikkomplementaw politiki u fondi tal-UE oħra li jittrattaw pereżempju l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-enerġija, l-ambjent, is-suq uniku, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Rispett tal-prinċipji orizzontali

Il-politika ta' koeżjoni trid tiġi implimentata b'rispett sħiħ tal-prinċipji orizzontali stabbiliti fit-Trattati tal-UE, jiġifieri:

- l-Artikolu 2 tat-TUE – jistabbilixxi l-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-UE, inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jenfasizza li dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri kollha u jirfdu soċjetà bbażata fuq il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

- L-Artikolu 3 tat-TUE – jiddeskrivi l-oġġettivi ġenerali tal-UE, inkluż l-iżvilupp sostenibbli, il-koeżjoni soċjali, u s-solidarjetà.
- L-Artikolu 5 tat-TUE – jistabbilixxi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, filwaqt li jiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini tal-UE.
- L-Artikolu 10 tat-TFUE – jirrikjedi li l-UE tiġġieled id-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza fil-politiki kollha tagħha.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali”) tistabbilixxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji li jiggwidaw il-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Hija vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-UE u fuq l-Istati Membri biss meta jkun qegħed jimplimentaw id-dritt tal-UE¹⁰. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprojbixxi b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluż is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelldim, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelldim, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza fl-ambitu tad-dritt tal-UE.

Żviluppi fil-qafas legali tal-politika ta' koeżjoni

Minn meta t-talba għar-reġistrazzjoni tal-IĊE proposta ġiet ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 2013, il-qafas legali li jirregola l-politika ta' koeżjoni għadda minn żviluppi sinifikanti. Dawn l-iżviluppi rriżultaw f'tisħiħ sinifikanti tal-obbligi li jiġu rrispettati l-prinċipji orizzontali, f'impenn akbar biex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u f'involviment imtejjeb taċ-ċittadini.

L-iżviluppi ewlenin introdotti fil-perjodi ta' programmazzjoni 2014-2020 u 2021-2027 jinkludu:

- Rispett imsaħħa tal-prinċipji orizzontali, inkluż il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni: Ġew introdotti rekwiżiti espliċiti għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri biex jieħdu passi xierqa biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-programmi (l-Artikoli 7, 9(9), 15(2)(iii), 96(4)(a), 96(7)(b) u 125(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013¹¹ kif ukoll il-kundizzjonalità ġenerali *ex ante* kontra d-diskriminazzjoni inkluża fil-Parti II tal-Anness XI tal-istess Regolament; u l-Artikoli 9(3), 22(3)(d)(iv) u 73(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060¹²).

¹⁰ L-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/2018-11-13>).

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond

- Salvagwardji aktar b'saħħithom biex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali: Il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 huwa kkaratterizzat minn salvagwardji aktar b'saħħithom dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif muri mill-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/1060, inkluż il-kundizzjoni abilitanti orizzontali "Applikazzjoni u implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali", flimkien ma' mekkaniżmu għall-monitoraġġ li tiġi ssodisfata, kif deskritt fl-Artikolu 15 tal-istess Regolament.
- Involvement aħjar taċ-ċittadini: Iċ-ċittadini issa għandhom opportunitajiet aħjar biex jinteraġixxu mal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom bis-saħħa ta' diversi żviluppi, inkluż l-introduzzjoni ta' arranġamenti biex jiżguraw l-eżami effettiv tal-ilmenti relatati mal-fondi (l-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 69(7) tar-Regolament (UE) 2021/1060), l-involvement tas-sħab (l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060), u żieda sinifikanti fit-trasparenza, li tipprovdli liċ-ċittadini b'aċċess aħjar għall-informazzjoni (ara pereżempju l-Artikoli 5(3)(a), 14(2), 26(2), 34(3)(b), 48(1), 115 u 125(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikoli 38(2), 38(4), 42(5), 43(4), 44(7), 45(3), 46 sa 50, u 73(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060).

Rispett tad-diversità kulturali u lingwistika u n-nondiskriminazzjoni

Ir-rispett tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi huwa wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea msemmija b'mod espliċitu fl-Artikolu 2 tat-TUE¹³. Bl-istess mod, il-għieda kontra d-diskriminazzjoni u l-preservazzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika huma fost l-oġġettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea identifikati fl-Artikolu 3(3) tat-TUE¹⁴. Barra minn hekk, kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' sħubija f'minoranza nazzjonali hija pprojbita b'mod espliċitu fl-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Dawn il-prinċipji japplikaw għall-politiki u għall-azzjonijiet kollha tal-UE, irrispettivament mill-qasam ta' azzjoni, u b'hekk jinkludu l-politika ta' koeżjoni. L-Istati Membri huma marbuta bl-istess mod sal-punt li l-azzjonijiet tagħhom skont il-politika ta' koeżjoni jinvolvu l-

għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p 159–706; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

¹³ L-Artikolu 2 tat-TUE: "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

¹⁴ L-Artikolu 3(3) TUE: "L-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent.

Hija għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. Hija għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

Hija għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Hija għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew."

implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. F'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, l-Istati Membri jżommu s-setgħat ġenerali biex jieħdu deċiżjonijiet dwar il-minoranzi, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont l-ordni kostituzzjonali tagħhom u l-impenji tagħhom li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Karta Ewropea għal-lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali jibqgħu l-qafas legali rilevanti tad-dritt internazzjonali għal dawk l-Istati Membri li ffirmaw u rratifikaw dawn il-ftehimiet.

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, f'konformità mal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jridu jieħdu passi xierqa biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-programm – mit-tnejn għall-evalwazzjoni tal-programmi. L-Istati Membri għandhom jinkludu, fil-programmi tagħhom, azzjonijiet li jissalvagwardjaw l-ugwaljanza, l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni¹⁵.

Barra minn hekk, il-fondi ma jridu jappoġġaw l-ebda azzjoni li tikkontribwixxi għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni jew esklużjoni u, f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-awtoritajiet ta' ġestjoni jridu jistabbilixxu u japplikaw kriterji u proċeduri trasparenti u nondiskriminatorji għall-għażla tal-operazzjonijiet, filwaqt li jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-allinjament mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Ġestjoni kondiviża

Il-baġit tal-UE allokat għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni huwa implimentat b'ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 62(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju¹⁶. Dan ifisser li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jikkondividu responsabbiltà biex jimplimentaw il-fondi u jiżguraw il-konformità mar-regoli u l-prinċipji tal-UE.

B'ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri huma responsabbli mit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' programmi fil-livell territorjali xieraq f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali, legali u finanzjarji tagħhom.

Fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ġie konkluż Ftehim ta' Sħubija bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru. Dan id-dokument strateġiku jistabbilixxi kif il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni se jiġi allokat u użat fil-livell nazzjonali, filwaqt li jirrifletti l-prijoritajiet u l-isfidi speċifiċi ta' żvilupp ta' kull Stat Membru.

Filwaqt li tibni fuq il-Ftehimiet ta' Sħubija, il-Kummissjoni sussegwentement approvat programmi individwali ppreżentati mill-Istati Membri. Dawn il-programmi huma mfassla apposta għall-ħtiġijiet reġjonali u żviluppati f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u

¹⁵ L-Artikolu 22(3)(d)(iv) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

¹⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, filwaqt li jiżguraw li jkunu adattati sew biex jindirizzaw sfidi reġjonali u settorjali speċifiċi.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi hija soġġetta għal regoli u proċeduri definiti b'mod ċar, li jiżguraw it-trasparenza, ir-responsabbiltà, u t-tweġġ effettiv tal-investment tal-UE fil-prattika.

Sħubija u governanza f'diversi livelli

Is-sħubija hija wieħed mill-pilastri fundamentali tal-politika ta' koeżjoni. Din tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi f'diversi livelli ta' gvern u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Kif spjegat fid-dettall fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, is-sħab għandhom jinkludu: awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra; imsieħba ekonomiċi u soċjali; organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-universitajiet, fejn xieraq; u korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili b'has-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u, aktar importanti minn hekk, f'dan il-każ, korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, fejn jistgħu jiġu inklużi wkoll korpi li jirrappreżentaw l-interessi tal-minoranzi.

L-oġġettiv tal-prinċipju tas-sħubija huwa li jgħin lill-komunitajiet billi jiffaċilita identifikazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, li jwassal għal impenn kollettiv aktar b'saħħtu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni u jrawwem sens ta' sjieda fost is-sħab involuti. Dan jista' jgħin ukoll biex jissaħħaħ l-appoġġ għall-valuri komuni Ewropej billi jikkomunika kif il-politika ta' koeżjoni tikkontribwixxi għall-fehim u għas-soluzzjoni ta' problemi lokali, u b'hekk l-UE titqarreb lejn in-nies¹⁷.

Ir-rwol kruċjali tas-sħubija ġie msaħħaħ mill-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija fl-2014¹⁸, li pprova lill-Istati Membri bi gwida ċara dwar kif jinvolvu lis-sħab rilevanti b'mod f'waqtu, sinifikanti u trasparenti. Dan jirrikjedi li tingħata attenzjoni speċifika lill-inklużjoni ta' gruppi li jistgħu jiġu affettwati minn programmi iżda li jsibuha diffiċli li jinfluwenzawhom, b'mod partikolari l-komunitajiet l-aktar vulnerabbli u emarġinati, li huma fl-oġġla riskju ta' diskriminazzjoni jew ta' esklużjoni soċjali¹⁹. Jinvolvi r-rikonoxximent espliċitu li l-involviment ta' rappreżentanti minn gruppi emarġinati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-miżuri tal-politika ta' koeżjoni mmirati lejn l-inklużjoni tagħhom.

¹⁷ L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (2021), [L-involviment effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tnejn tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali għall-perjodu 2021-2027 | Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni \(europa.eu\)](#).

¹⁸ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/240/oj).

¹⁹ Il-Premessa 4, l-Artikoli 3(1)(c)(ii), 4(1)(c)(iii) u 6(f) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/1057²⁰ (ir-“Regolament FSE+”), l-Istati Membri huma obbligati jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ b’għestjoni kondiviża f’kull programm għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali jew tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkun identifikat minn rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż rilevanti adottata f’konformità mal-Artikoli 121(2) u 148(4) tat-TFUE, l-Istat Membru kkonċernat għandu jalloka ammont xieraq ta’ mill-anqas 0,25 % tar-riżorsi tiegħu tal-fergħa tal-FSE+ b’għestjoni kondiviża għal dak il-għan. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jinkludu rappreżentanti ta’ minoranzi lingwistiċi u kulturali, u b’hekk jiżguraw li dawn il-gruppi jiġu appoġġati permezz ta’ taħriġ, networking, il-promozzjoni tad-djalogu soċjali, u attivitajiet imwettqa b’mod konġunt mis-sħab soċjali.

Kundizzjonijiet abilitanti

Mill-preżentazzjoni tat-talba għar-reġistrazzjoni tal-ICE, il-kundizzjonijiet abilitanti saru parti ewlenija mill-politika ta’ koeżjoni, filwaqt li jgħinu jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti meħtieġa għall-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi. Filwaqt li jibnu fuq il-kunċett 2014-2020 ta’ “kundizzjonalitajiet *ex ante*”, il-kundizzjonijiet abilitanti għandhom jiġu rrispettati matul il-perjodu ta’ programmazzjoni 2021-2027 kollu biex in-nefqa tkun eliġibbli għar-rimborż. Il-kriterji għas-sodisfar ta’ kull waħda mill-kundizzjonijiet abilitanti huma stabbiliti fl-Annessi III u IV tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Hemm żewġ tipi ta’ kundizzjonijiet abilitanti:

- Il-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali, li japplikaw fil-programmi kollha tal-politika ta’ koeżjoni u huma relatati ma’ oqfsa regolatorji fundamentali. Waħda minn dawn hija l-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-“Applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali”. Din tirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom arranġamenti effettivi fis-seħħ biex jiżguraw li l-programmi jikkonformaw mal-Karta fl-istadji kollha tal-programmazzjoni u tal-implimentazzjoni.
- Il-kundizzjonijiet abilitanti tematiċi, li japplikaw għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta’ Koeżjoni, huma prinċipalment marbuta ma’ oqfsa ta’ politika jew strateġiċi speċifiċi. Eżempji jinkludu l-kundizzjonijiet abilitanti tematiċi “Qafas ta’ politika strateġiku nazzjonali għall-inklużjoni tar-Rom” u “Qafas ta’ politika strateġiku nazzjonali għall-inklużjoni soċjali u għat-tnaqqis tal-faqar”.

Il-kundizzjonijiet abilitanti ma humiex biss kundizzjonijiet preliminari għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-investimenti, jistgħu jkunu wkoll xprunaturi effettivi tar-riforma fl-Istati Membri, filwaqt li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta’ strutturi ta’ governanza soda u strateġiji nazzjonali jew reġjonali mmirati li jtejbu l-impatt ġenerali tal-investimenti fil-politika ta’ koeżjoni u jiżguraw l-allinjament tagħhom mal-valuri, il-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

Allokazzjoni ta' fondi ta' koeżjoni u reġjuni eliġibbli

Il-metodu użat fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 biex jiġi allokati il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fost il-pajjiżi u r-reġjuni huwa spjegat fid-dettall fl-Anness XXVI tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-alkokazzjoni hija bbażata fuq indikaturi oġġettivi u komparabbli fil-livell NUTS 2. Ir-reġjuni Ewropej kollha huma eliġibbli għall-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni, b'volum ta' finanzjament li jirrifletti l-livell ta' żvilupp u l-isfidi soċjali tar-reġjuni.

L-indikatur ewlieni tal-metodu huwa l-livell ta' żvilupp tar-reġjuni, b'xi varjazzjonijiet bejn il-kategoriji ta' reġjuni anqas żviluppati, fi tranżizzjoni u aktar żviluppati. Ir-reġjuni anqas żviluppati għandhom PDG *per capita* ta' anqas minn 75 % tal-medja tal-UE, ir-reġjuni fi tranżizzjoni għandhom PDG *per capita* bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-UE, u reġjuni aktar żviluppati għandhom PDG *per capita* oġġettivi minn 100 % tal-medja tal-UE. Id-distakk fil-prospertà għal kull reġjun huwa kkalkolat bl-użu tal-PDG għal kull ras (skont l-Istandards tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPS, Purchasing Power Standards)), filwaqt li jitqiesu l-popolazzjoni u l-prospertà nazzjonali. Imbagħad jintużaw diversi indikaturi addizzjonali biex tiġi rfinuta l-alkokazzjoni skont is-sitwazzjoni tar-reġjuni. Dawn l-indikaturi jirriflettu l-isfidi soċjoekonomiċi, ambjentali u demografiċi: il-qgħad, il-qgħad fost iż-żgħażaġħ, il-livell baxx ta' edukazzjoni, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-migrazzjoni esterna. L-alkokazzjoni ta' kull Stat Membru hija s-somma tal-alkokazzjonijiet għar-reġjuni eliġibbli individwali tiegħu. L-alkokazzjoni finali għal Stat Membru tista' tiġi limitata biex tirrispetta perċentwal determinat minn qabel tal-PDG totali tiegħu, biex jiġi żgurat li l-fondi allokati tal-UE jkun jistgħu jiġu assorbiti b'mod adegwat mill-Istat Membru. Dan ivarja minn 2,3 % tal-PDG għal reġjuni taħt it-55 % tal-medja tal-ING *per capita* tal-UE skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għal 1,5 % għal daww 'il fuq minn 68 % tal-medja tal-ING *per capita* tal-UE skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist.

L-alkokazzjonijiet nazzjonali huma aggregati skont il-kategorija tar-reġjun (anqas żviluppati, fi tranżizzjoni, aktar żviluppati). L-Istati Membri jridu jirrispettaw, b'xi flessibilità²¹, l-alkokazzjoni għal kull waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni. Dan sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq ir-reġjuni l-anqas żviluppati f'konformità mal-oġġettivi tat-TFUE tal-politika ta' koeżjoni biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali.

Għal dan il-għan, l-identifikazzjoni tar-reġjuni fil-livell tal-Unjoni hija bbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003²², li ġiet riveduta l-aħħar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/674 tas-26 ta' Diċembru 2022. Il-klassifikazzjoni NUTS tal-unitajiet territorjali hija definita abbażi ta' "unitajiet amministrattivi", jiġifieri żona ġeografika b'awtorità amministrattiva li għandha s-setgħa li tiegħu deċiżjonijiet amministrattivi jew ta' politika għal dik iż-żona fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali tal-Istat Membru, u l-limiti tal-popolazzjoni previsti fit-Tabella fl-Artikolu 3(2) tar-

²¹ Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed flessibilità fl-implimentazzjoni tal-alkokazzjonijiet tagħhom ta' ġestjoni kondiviża, huwa possibbli li ċerti livelli ta' finanzjament jiġu ttrasferiti bejn il-Fondi u bejn il-ġestjoni kondiviża u l-istrumenti ġestiti direttament u indirettament kif previst fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

²² Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Regolament (KE) Nru 1059/2003²³ (“kriterji tal-klassifikazzjoni”). Fejn ma teżisti l-ebda unità amministrattiva ta’ skala xierqa fi Stat Membru għal livell partikolari ta’ NUTS, dak il-livell għandu jinhloq billi jiġi aggregat għadd xieraq ta’ unitajiet amministrattivi kontigwi iżgħar. Dawn l-unitajiet mhux amministrattivi riżultanti ġeneralment iridu jikkonformaw mal-limiti tal-popolazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003. Madankollu, f’ċerti każijiet, huma jistgħu jiddevjaw minn daww il-limiti minħabba ċirkostanzi ġeografiċi, soċjoekonomiċi, storiċi, kulturali jew ambjentali partikolari, speċjalment fil-gżejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi, f’konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003. F’dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom iqisu l-oġettiv tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 li huwa li tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika relatata mal-livell ta’ żvilupp tad-diversi unitajiet amministrattivi. Barra minn hekk, meta dik id-dispożizzjoni tipprevedi li l-unitajiet jistgħu jiddevjaw mil-limiti legali definiti minħabba ċirkostanzi ġeografiċi, soċjoekonomiċi, storiċi, kulturali jew ambjentali, din tirreferi biss għal unitajiet mhux amministrattivi li huma stess jikkorrispondu għal aggregazzjoni ta’ unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri inkwistjoni għal finijiet purament statistiċi u mingħajr ma dan ikun jista’ jwassal għal modifika, bi kwalunkwe mod, fil-qafas politiku, amministrattiv u istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri inkwistjoni.

F’konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, fil-prinċipju, l-emendi għall-klassifikazzjoni NUTS jistgħu jsiru mhux iktar kmieni minn kull tliet snin, sakemm ma jkunx hemm riorganizzazzjoni sostanzjali tal-istruttura amministrattiva rilevanti ta’ Stat Membru, f’liema każ tali emendi jistgħu jiġu adottati f’intervalli iqsar. Daww l-emendi jsiru abbażi ta’ bidliet fl-unitajiet territorjali introdotti fuq inizzjattiva tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa biss li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 7a biex temenda l-klassifikazzjoni NUTS fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, wara li daww il-bidliet jiġu kkomunikati lilha mill-Istat Membru kkonċernat.

2.2. Kuntest kurrenti tal-politika

Possibbiltajiet ta’ finanzjament taħt il-FEŻR

Il-politika ta’ koeżjoni għandha rwol importanti biex tappoġġa l-minoranzi u l-gruppi emarġinati, bħala parti mill-isforzi biex tikkontribwixxi għal haġja aħjar għan-nies u għar-reġjuni madwar l-Ewropa. Għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2021-2027, ġew allokat i madwar EUR 19-il biljun mill-FEŻR għal oqsma ta’ tkabbir inklużiv, inkluż għall-inklużjoni ta’ gruppi emarġinati.

Permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura, tal-apparat u tal-kooperazzjoni transfruntiera, l-appoġġ tal-FEŻR fi ħdan il-programmi tal-politika ta’ koeżjoni jsaħħaħ l-isforzi tal-Istati Membri u tar-reġjuni biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjoekonomika ta’ komunitajiet emarġinati u jiġi żgurat aċċess ugwali għal servizzi inklużivi u ta’ kwalità fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, fl-

²³ Id-daqs tal-popolazzjoni ta’ kull klassi ta’ unitajiet amministrattivi eżistenti fi Stat Membru jrid jaqa’ fi ħdan limiti speċifikati sabiex jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta’ NUTS: għal NUTS 1 bejn 3 miljun u 7 miljun; għal NUTS 2 bejn 800 000 u 3 miljun; u għal NUTS 3 bejn il-150 000 u t-800 000.

akkomodazzjoni, fil-kura tas-saħħa, fil-kura soċjali u fit-tul (l-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament (UE) 2021/1058²⁴).

Il-miżuri għandhom ukoll l-għan li jindirizzaw il-ħtiġijiet lokali. Għal dan il-għan, l-investimenti jistgħu jkunu wkoll parti minn strateġiji reġjonali jew lokali, inkluż strateġiji għal żvilupp sostenibbli jew għodod territorjali oħra.

Il-politika ta' koeżjoni saħħet ukoll ir-rikonoxximent tagħha tas-setgħa trasformattiva tal-kultura u tal-wirt kulturali u r-rwol tagħha fit-trawwim tal-inklużjoni soċjali u fil-protezzjoni tad-diversità tar-reġjuni Ewropej. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, għie allokat total ta' EUR 5,2 biljun mill-FEŻR għal interventi mmirati direttament lejn il-kultura u l-wirt.

Taħt tali appoġġ, ingħatat attenzjoni kbira biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kultura u biex jiġu ffaċilitati d-diversità kulturali, l-inklużjoni soċjali u opportunitajiet aħjar ta' xogħol. Miżuri speċifiċi jinkludu l-konservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali, l-iżvilupp ta' servizzi u tagħmir kulturali ġodda u l-kooperazzjoni kulturali transfruntiera.

Eżempju ta' appoġġ għall-wirt lingwistiku u kulturali reġjonali huwa r-restawr ta' Henter Mansion²⁵ fil-lokalità ta' Sântimbru, il-Kontea ta' Harghita, li fil-bieċa l-kbira jikkellmu bl-Ungeriż. Iffinanzjat taħt il-Programm Operazzjonali Reġjonali tar-Rumanija 2014–2020, il-proġett kellu l-għan li jerġa' jagħti l-ħajja lill-identità lokali u jippromwovi t-turiżmu permezz ta' artiġjanat tradizzjonali u attivitajiet kulturali inklużivi. Il-villa rinnovata issa tospita wirjiet u avvenimenti interattivi li jiċċelebraw il-wirt Ungeriż, inkluż dimostrazzjonijiet tal-artiġjanat u prestazzjonijiet ta' żfin folk minn komunitajiet Ungeriżi etniċi. Tingħata attenzjoni speċjali lill-inklużjoni, billi toffri spazju li jilqa' lil tfal żvantaġġati u lil persuni b'diżabbiltà biex jinvolvu ruħhom mal-wirt. Ir-residenti lokali għandhom rwol attiv billi jiġbru stejjer personali u jużawhom biex titqajjem kuxjenza fost il-ġenerazzjonijiet. Dan il-proġett sar mudell għall-komunitajiet b'maġġoranza Ungeriża fir-Rumanija, filwaqt li juri kif ir-restawr tal-wirt jista' jrawwem il-ħolqien kulturali, l-inklużjoni, u l-iżvilupp rurali sostenibbli.

Possibiltajiet ta' finanzjament fil-kuntest Interreg

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, 86 programm Interreg joffru lill-awtoritajiet reġjonali, lill-partijiet ikkonċernati ekonomiċi u soċjali kif ukoll lir-rappreżentanti ċivili bl-opportunità li jikkooperaw kemm bejn il-fruntieri interni kif ukoll bejn dawk esterni tal-UE. Abbażi ta' approċċ ibbażat fuq il-post, Interreg tipprovdi appoġġ għall-iskambji kulturali u lingwistiċi biex tippromwovi l-wirt u l-komunitajiet lokali, biex trawwem Ewropa aktar inklużiva u magħquda u biex tkisser l-ostakli li jimminaw il-kapaċità ta' kooperazzjoni.

F'dan il-kuntest, l-aktar allokazjonijiet rilevanti tal-FEŻR huma: EUR 1,2 biljun impenjati taħt l-oġettiv speċifiku 4.6 għat-turiżmu u għall-kultura; EUR 50 miljun taħt l-oġettiv speċifiku 4.3 għall-integrazzjoni ta' komunitajiet emarġinati; EUR 300 miljun taħt l-oġettiv ta' politika 5 biex

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

²⁵ <https://www.henter.ro/?lang=en>

jigü appoġġati strateġiji territorjali integrati transfruntiera. Barra minn hekk, ġew allokati EUR 1,5 biljun għat-titjib tal-governanza tal-kooperazzjoni, li tinkludi l-bini tal-fiduċja, approċċi parteċipattivi u bejn il-persuni, it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-indirizzar tal-ostakli tal-fruntieri.

Eżempji ta' proġetti mmirati lejn il-protezzjoni tal-minoranzi u l-preservazzjoni tal-karatteristiċi lingwistiċi u kulturali reġjonali jinkludu:

- Il-programm tar-Reġjun tad-Danubju 2021-2027, taħt l-oġettiv speċifiku “It-tisħiħ tar-rwol tal-kultura u tat-turiżmu sostenibbli fl-iżvilupp ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali”. Dan jiffinanzja l-proġett “Culinary Trail of the Ethnic and Local Cuisine in the Danube Region”²⁶, li jindirizza 30 grupp etniku (inkluż il-wirt Lhudi u l-komunitajiet Rom emarġinati ħafna), il-wirt kulinari lokali (inkluż il-vinikultura), u l-wirt f’komunitajiet ġeografikament remoti u sottożviluppati, u li jipprovdi opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti għal żoni rurali u għal irħula żgħar. B’dan il-mod, Culinary Trail se jippermetti lir-Reġjun tad-Danubju jikkapitalizza fuq il-pajsaġġ etniku vibranti u divers tiegħu, l-istorja rikka u kumplessa u t-tradizzjonijiet kulturali.
- Fil-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020, il-programm Interreg Nord (SE-FI-NO) iddedika oġettivi speċifiċi relatati mal-preservazzjoni u mal-iżvilupp tal-lingwi Sami inkluż fost il-poplu Sami, il-poplu indiġeni li tradizzjonalment jgħix f’din iż-żona. Ta’ min isemmi tliet proġetti:
 - Giellagáldu²⁷: l-għan tal-proġett kien li jsaħħaħ l-użu tal-lingwi Sami f’diversi setturi fil-Finlandja, fl-Iżvezja u fin-Norveġja billi jinħolqu t-terminoloġija u l-vokabularju meħtieġa, standards ġodda għall-użu fil-lingwi Sami, jingħataw pariri lill-utenti tal-lingwi Sami.
 - Plupp²⁸: l-ambizzjoni tal-proġett kienet li jigü implimentati 50 wirja bħala qasam edukattiv, fejn esperjenza artistika għandha taġixxi bħala trasferiment tal-lingwa u l-kultura Sami. Il-proġett irriżulta f’“The story of Plupp”, rappreżentazzjoni mużikali drammatika għat-tfal ta’ bejn is-6 u l-10 snin li tiddekrivi n-natura tas-suppożizzjonijiet bażiċi ta’ Sami f’approċċ sempliċi, edukattiv u divertenti.
 - Deanuleagis sámastit²⁹: l-għan tal-proġett huwa li jinholq network għaċ-ċentru lingwistiku tal-wied tax-Xmara Tana, li jżid l-użu tal-lingwa Sami f’diversi oqsma lingwistiċi transfruntiera u fl-istess ħin jippromwovi t-trasferiment tal-għarfien dwar il-wirt kulturali bejn il-ġenerazzjonijiet.
- Taħt il-perjodu ta’ programmazzjoni 2021-2027, il-kooperazzjoni Sami hija parti integrali mill-programm Interreg Aurora (SE-FI-NO).

²⁶ <https://keep.eu/projects/29507/Culinary-Trail-of-the-Ethni-EN/>

²⁷ <https://keep.eu/projects/20350/Giellag-ldu-Project-EN/>

²⁸ <https://keep.eu/projects/20525/Plupp-the-story-of-the-invi-EN/>

²⁹ <https://keep.eu/projects/23826/Deanuleagis-s-m-stit-EN/>

L-opportunitajiet rilevanti biex jiġu appoġġati l-wirt kulturali u l-ispeċifità huma pprovduti wkoll permezz tal-oġġettiv ta' politika 5 il-ġdid għal "Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini". Diversi strateġiji territorjali integrati ġew ifformati lil hinn mill-fruntieri amministrattivi minn komunitajiet lokali biex jippromwovu proċessi parteċipattivi u inizzjattivi lokali f'tipi differenti ta' żoni funzjonali magħrufa bħala "baċiri ħajjin".

Pereżempju, taħt il-programm ta' kooperazzjoni Spanja-Franza-Andorra (POCTEFA), il-kulturi reġjonali huma indirizzati b'mod partikolari minn tnejn mill-ħames strateġiji integrati adottati:

- L-istrateġija għaż-Żoni Funzjonali tal-Punent (AFOMEF)³⁰ hija promossa mill-Ewroreġjun ġdid tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) Aquitaine Euskadi Navarra. Din għandha l-għan li tegħleb l-ostakli persistenti għal mobbiltà u trasport reġjonali aħjar u aktar sostenibbli, għal suq tax-xogħol lokali aktar integrat u għal multilingwiżmu estiż, billi ssaħħa l-użu tal-Bask bħala lingwa komuni.
- L-istrateġija EsCaT³¹ (żona transfruntiera Katalana) titwettaq mid-Dipartiment ta' Pyrénées-Orientales (sieħeb ewlieni), mill-Generalitat de Catalunya u mill-Diputació de Girona bil-għan li jissaħħu l-interazzjonijiet fil-baċiri ħajjin eżistenti u li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-abitanti, billi ssir enfasi fuq tliet dimensjonijiet: qafas stabbli u ta' abilitazzjoni għall-kooperazzjoni; territorju aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima; is-sens ta' appartenenza għal territorju transfruntier u l-parteeċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili.

Barra minn hekk, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ir-Regolament Interreg (UE) 2021/1059³² stabbilixxa dispożizzjonijiet speċifiċi (l-Artikoli 24 u 25) biex jiġu appoġġati proġetti fuq skala żgħira, li huma iżgħar u aktar faċli biex jiġu implimentati, bħala għodda ewlenija biex titħeġġeġ il-parteeċipazzjoni ta' tipi ġodda ta' riċevituri finali³³, li jista' ma jkollhomx esperjenza preċedenti fil-kooperazzjoni skont Interreg jew, b'mod aktar ġenerali, fil-finanzjament tal-UE, bħal:

- atturi tas-soċjetà ċivili, li jistgħu jintroduċu innovazzjoni u dinamika ġdida fil-kooperazzjoni;
- awtoritajiet lokali, skejjel u assoċjazzjonijiet, li spiss huma esklużi mill-iskemi tradizzjonali ta' finanzjament tal-UE minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew riżorsi għall-ġestjoni tagħhom;

³⁰ <https://www.afomef.eu/fr/accueil>

³¹ <https://www.poctefa.eu/fr/proyectos/efa002-00-id-escat/>

³² Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

³³ Il-fondi għal proġetti żgħar huma stabbiliti bħala operazzjonijiet fis-sens tar-regolamenti tal-politika ta' koeżjoni. Dan ifisser li l-obbligi regolatorji kollha imposti fuq il-benefiċjarji jaqgħu biss fuq il-korp ta' implimentazzjoni tal-fond għal proġetti żgħar, u mhux fuq dawk li jimplimentaw il-proġetti ż-żgħar infushom. Għalhekk, dawk is-sħab fil-proġetti ż-żgħar huma "riċevituri finali", u konsegwentement jiffaċċjaw anqas obbligi u rekwiżiti biex jimplimentaw il-proġetti tagħhom. B'riżultat ta' dan, dan huwa partikolarment attraenti għal sħab żgħar u mingħajr esperjenza, inkluż organizzazzjonijiet lokali u atturi tas-soċjetà ċivili li qabel ma kinux jipparteċipaw fi proġetti fuq skala akbar minħabba l-biża' tal-piż amministrattiv li tali involviment jista' jġib miegħu. Proġetti bħal dawn jippromwovu, pereżempju, skambji bejn l-iskejjel, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi jew kulturali transfruntiera fil-livell lokali.

- iċ-ċittadini nfushom, li jippermettulhom jesperjenzaw l-impatt tanġibbli tal-politika Ewropea fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum u jieħdu s-sjieda ta' proġetti futuri fiż-żona lokali tagħhom.

Filwaqt li l-perjodu ta' programmazzjoni għadu għaddej, diġà ġew allokat EUR 110 miljun, b'mod partikolari għal azzjonijiet bejn il-persuni, għat-tisħiħ tal-kapaċità u tal-fiduċja, għall-involvement taċ-ċittadini, għall-ittestjar ta' ideat pilota, u għall-inizjattivi mmexxija mill-komunità u miċ-ċittadini.

Possibiltajiet ta' finanzjament taħt l-FSE+

Bħala l-istrument ewlieni tal-UE biex tinvesti fin-nies u biex timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-FSE+ jappoġġa, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni soċjali u inklużjoni. L-FSE+ għandu baġit totali ta' EUR 141,65 biljun (li minnhom EUR 95 biljun huma l-kontribuzzjoni tal-Unjoni). Minn dan, EUR 44 biljun huma diretti lejn l-impjiegi, EUR 45,5 biljun għall-inklużjoni soċjali, EUR 43,3 biljun għall-edukazzjoni u għall-ħiliet u EUR 5,3 biljun biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali.

Il-komunitajiet emarġinati huma grupp fil-mira ewlieni tal-FSE+ u jistgħu jiġu appoġġati skont l-oġettivi speċifiċi kollha tal-FSE+³⁴. L-Istati Membri jipprovdu appoġġ lill-komunitajiet emarġinati fl-oqsma tal-impjiegi, fl-aċċess għall-edukazzjoni, fit-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-apprendiment tul il-ħajja, fl-inklużjoni attiva, fl-aċċess ugwali għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u fl-integrazzjoni ta' persuni f'riskju.

Pereżempju, biex jipromwovu l-inklużjoni soċjali, l-Istati Membri jallokaw mill-anqas 25 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ għal dan il-għan, kif speċifikat fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament FSE+. Barra minn hekk, il-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD, Fund for European Aid to the Most Deprived) ġie integrat fl-FSE+ biex jipprovdi għajjuna alimentari u materjali bażika. L-Istati Membri kollha huma meħtieġa jiddedikaw mill-anqas 3 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ għal dan il-għan, f'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament FSE+.

L-Istati Membri kollha jridu jallokaw ukoll ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali b'appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażaġh u dawk li kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena li kienu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs, not in employment, education or training) għall-perjodu bejn l-2017 u l-2019, abbażi tad-data tal-Eurostat, iridu jiddedikaw mill-anqas 12,5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament FSE+.

L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal jista' jibbaża wkoll fuq finanzjament iddedikat tal-FSE+. L-FSE+ jirrikjedi li l-Istati Membri li kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' tfal ta' anqas minn 18-il sena f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għall-perjodu bejn l-2017 u l-2019, abbażi tad-data tal-Eurostat, jallokaw mill-anqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ biex

³⁴ L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/2057.

jimplimentaw miżuri biex inaqqsu din ir-rata f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament FSE+.

Fir-rigward tal-appoġġ speċifiku għall-minoranzi u għall-gruppi emarġinati, l-FSE+ jappoġġa l-inklużjoni ta' komunitajiet emarġinati bħall-komunitajiet Rom emarġinati, il-persuni b'diżabilità jew b'mard kroniku, il-persuni mingħajr dar, it-tfal u l-anzjani. Approċċ integrat multidimensjonali li jgħaqqad l-investimenti fl-impjiegi, fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa, u fl-akkomodazzjoni huwa promoss flimkien mat-tisħiħ tal-kapaċità għall-awtoritajiet lokali u għas-soċjetà ċivili fil-livell taċ-ċittadini.

Barra minn hekk, flimkien mal-FEŻR, l-FSE+ jappoġġa l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, li jagħti s-setgħa lill-komunitajiet lokali jfasslu u jwettqu proġetti li jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi³⁵ speċifiċi tagħhom, kif deskritt fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ġiet stabbilita l-inizjattiva Innovazzjoni Soċjali+ tal-FSE+³⁶. Din hija ġestita miċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza għall-Innovazzjoni Soċjali stabbilit mill-Aġenzija Litwana tal-Fond Soċjali Ewropew (ESFA, European Social Fund Agency). Din l-inizjattiva għandha l-għan taċċellera t-trasferiment u l-espansjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi ttestjati fl-oqsma tal-impjiegi, il-mobilità tal-forza tax-xogħol, l-edukazzjoni, u l-inklużjoni soċjali. L-ESFA timmaniġġa b'mod partikolari l-Komunità ta' Prattika tal-FSE+ dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Komunità ta' Prattika tal-FSE+ dwar l-Integrazzjoni tal-Barranin. Għandha l-għan trawwem attivitajiet ta' apprendiment reċiproku u ta' tisħiħ tal-kapaċità bejn l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-FSE+ u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-FSE+.

Hemm ukoll in-Network EURoma (li nħoloq fl-2007, iffinanzjat mal-FSE (2007-2020)/FSE+ (2021-2027) u mmaniġġat mill-Fundación Secretariado Gitano u l-ESFA (għall-2021-2027 inkluż fl-Inizjattiva Innovazzjoni Soċjali+)³⁷. L-għan huwa li jingħata kontribut għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni tal-komunità Rom permezz tat-titjib tal-użu tal-FSE+ u l-FEŻR, b'ħidma speċifika fil-laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, fl-analiżi tematika u fil-kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali għal sħab li jaħdmu għall-inklużjoni tar-Rom.

L-FSE+ qed jappoġġa proġetti li jiffaċilitaw l-inklużjoni ta' komunitajiet emarġinati f'pajjiżi differenti, bħall-proġett edukattiv biex jiġu implimentati attivitajiet immirati lejn l-iżvilupp tal-kompetenzi ta' rappreżentanti tal-komunità Rom minn lokalitajiet soċjalment esklużi fiċ-Ċekja, perkorsi integrati għall-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh Rom, u programmi għall-inklużjoni soċjoekonomika tan-nisa Rom fi Spanja, kif ukoll l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal billi jiġi appoġġat l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-kura għat-tfal b'diżabilità fil-Kroazja. Aktar eżempji

³⁵ Aktar informazzjoni disponibbli permezz ta' dan is-sit web: <https://european-social-fund-plus.ec.europa.eu/en/publications/esf-and-community-led-local-development-lessons-future>.

³⁶ Aktar informazzjoni disponibbli permezz ta' dan is-sit web: <https://socialinnovationplus.eu/>.

³⁷ Aktar informazzjoni disponibbli permezz ta' dan is-sit web: <https://www.euromanet.eu/>.

li juru l-impatt tal-proġetti ffinanzjati mill-FSE/FSE+ jistgħu jinstabu fit-taqsima “Proġetti” tas-sit web tal-FSE+, bl-użu ta’ filtri skont il-Pajjiż/Suġġett/Sena³⁸.

2.3. Inizjattivi u azzjonijiet rilevanti li għaddejjin bħalissa fil-kuntest tal-inizjattiva taċ-ċittadini

Komunità Ewropea ta’ Prattika dwar is-Sħubija

Biex ittejjeb il-kwalità tas-sħubija u tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki, f’konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014, fl-2022, il-Kummissjoni stabbiliet il-Komunità Ewropea ta’ Prattika dwar is-Sħubija (ECoPP, European Community of Practice on Partnership), li tinkludi organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti fid-drittijiet fundamentali, fid-drittijiet soċjali, fl-inklużjoni, fl-iżvilupp tal-komunità, u fid-drittijiet tal-persuni b’diżabilità.

L-ECoPP hija magħmula minn 158 membru, inkluż korpi ta’ koordinazzjoni u awtoritajiet ta’ ġestjoni nnominati mill-Istati Membri, u sħab imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060, bħal organizzazzjonijiet nongovernattivi fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, muniċipalitajiet, awtoritajiet reġjonali, sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet ta’ riċerka u universitajiet.

Bħalissa, taħt il-kategorija “sħab”, l-ECoPP tinkludi 23 awtorità pubblika (reġjonali, lokali u urbana), seba’ “awtoritajiet pubbliċi oħra”, 20 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, 19-il organizzazzjoni nongovernattiva, sitt organizzazzjonijiet ta’ riċerka, ħames sħab soċjali, u żewġ sħab ekonomiċi. Fost il-membri tal-ECoPP hemm korpi li jirrappreżentaw minoranzi nazzjonali, bħall-Fundación Secretariado Gitano. Aktar organizzazzjonijiet bħal dawn huma mistiedna japplikaw sakemm jikkonformaw mat-talbiet speċifiċi tas-sejthiet.

Il-membri l-ġodda tal-ECoPP huma aċċettati abbażi ta’ sejthiet miftuħa, li jfittxu li jibbilanċjaw il-kopertura ġeografika, il-kategoriji ta’ sħab u l-oqsma ta’ attività. S’issa, ġew irreklatati tliet sejthiet. L-aħħar sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet biex wieħed isir membru tal-ECoPP tnediet fi Frar 2025, irreklatata fuq il-paġna web tal-ECoPP tal-InfoREG³⁹.

Strateġiji makroreġjonali

Fost l-istrumenti ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea, l-istrateġiji makroreġjonali huma oqfsa ta’ kooperazzjoni maħluqa mill-inizjattivi tal-Istati Membri biex jikkollaboraw u jikkoordinaw fuq il-ħidma tal-politiki komuni u jsaħħu l-koeżjoni. Dawn l-istrateġiji jkopru erba’ makroreġjuni distinti: ir-reġjun tal-Alpi, ir-reġjun tal-Baħar Baltiku, ir-reġjun tad-Danubju, u r-reġjun Adrijatiku u Jonju, li jlaqqgħu flimkien sa 14-il pajjiż, inkluż kemm l-Istati Membri tal-UE kif ukoll il-pajjiżi ġirien.

L-erba’ strateġiji makroreġjonali jiffokaw fuq diversi oqsma ta’ prijetà, bħall-kultura, it-turiżmu, u l-preservazzjoni tal-wirt nazzjonali u reġjonali. L-istrateġiji għar-reġjun tad-Danubju

³⁸ Is-sit web jista’ jiġi aċċessat permezz ta’ din il-link: <https://european-social-fund-plus.ec.europa.eu/mt/projects>

³⁹ Aktar informazzjoni disponibbli permezz ta’ dan is-sit web: https://ec.europa.eu/regional_policy/policy/communities-and-networks/ecopp_en

u għar-reġjun tal-Baħar Baltiku huma partikolarment attivi fit-tisħiħ tal-valur soċjetali u ekonomiku tal-wirt kulturali permezz ta' preżentazzjonijiet innovattivi u faċli għall-viżitaturi ta' siti ta' wirt u ta' mużewijiet. B'dan il-mod, huma jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tal-identità reġionali u għat-trawwim ta' fehim reċiproku, ta' koeżistenza, u ta' kooperazzjoni fost il-pajjiżi parteċipanti.

3. RISPONS GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

3.1. Proposti lil hinn mill-ambitu tal-IĊE kif irreġistrati mill-Kummissjoni

Fir-rigward ta' xi proposti li jinsabu fl-IĊE, l-Unjoni Ewropea ma għandhiex il-kompetenza li tieħu azzjoni legali. Dan japplika għall-proposta li jiġu definiti r-“reġjuni nazzjonali”, li tirreferi għal reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi li huma differenti minn daww tar-reġjuni tal-madwar. Jappartjeni wkoll għall-proposta relatata biex jiġu identifikati jew elenkati tali reġjuni, il-proposta biex jitqiesu l-konfini lingwistiċi, etniċi u kulturali meta tinħoloq klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), u l-proposta biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom dwar il-minoranzi nazzjonali.

Il-Kummissjoni rreġistrat l-IĊE abbażi tal-kompetenzi tal-Unjoni skont it-Trattati tal-UE, speċifikament fl-ambitu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni. B'riżultat ta' dan, il-proposti msemmija fil-paragrafu ta' hawn fuq huma lil hinn mill-ambitu tal-IĊE kif irreġistrati mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma hijiex f'pożizzjoni li tipprovd xi konklużjoni legali u politika dwar dawn il-proposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar l-IĊE.

- *Jiġi definit il-kunċett ta' “reġjuni ta' minoranza nazzjonali/etnika”, jew sempliċiment “reġjuni nazzjonali”, jiġifieri “reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi li huma differenti minn daww tar-reġjuni tal-madwar” f'att legali tal-UE.*
- *Lil hinn mid-definizzjoni tal-kunċett ta' reġjuni nazzjonali, l-att legali li għandu jiġi elaborat mill-Kummissjoni jrid jidentifika wkoll b'mod espliċitu dawn ir-reġjuni, filwaqt li jqis il-kriterji u r-rieda tal-komunitajiet affettwati.*
- *Jitqiesu l-konfini lingwistiċi, etniċi u kulturali meta tiġi fformata l-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). Il-grupp ta' organizzaturi jipproponi li dawn il-konfini għandhom jirriflettu r-rieda tal-komunitajiet awtoktoni, espressa permezz ta' referendum lokali qabel id-delimitazzjoni tar-reġjuni.*

Fir-rigward ta' dawn il-proposti, huwa importanti li jiġi nnotat li l-Artikolu 4(2) tat-TUE jiddikjara li l-UE trid tirrispetta l-ugwaljanza u l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom, inkluż l-awtonomija lokali u reġionali. Minn dan isegwi li l-leġislatur tal-UE ma jistax jadotta att li jiddefinixxi r-reġjuni b'minoranza nazzjonali, li kapaċi jibbenefikaw minn attenzjoni speċjali fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, abbażi ta' kriterji awtonomi u, għalhekk, mingħajr kunsiderazzjoni xierqa tal-*status quo* politiku, amministrattiv u istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri inkwistjoni.

L-UE ma għandhiex il-kompetenza li tagħti mandat għal bidliet fil-qafas politiku, amministrattiv u istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri. Barra minn hekk, ma għandhiex setgħa ġenerali li

tilleġiżla fir-rigward tal-minoranzi, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent tal-istatus tal-minoranzi, l-awtodeterminazzjoni u l-awtonomija tagħhom, jew ir-reġim li jirregola l-użu ta' lingwi reġjonali jew minoritarji.

Filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jirrispettaw il-valuri u jsegu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tat-TUE – inkluż b'mod partikolari, li jirrispettaw id-“diversità kulturali u lingwistika” rikka tal-Unjoni u jżommu lura minn kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq “sħubija ta' minoranza nazzjonali”, kif stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – il-Karta ma testendix il-qasam ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni lil hinn mis-setgħat tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi l-ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, jew timmodifika l-kompetenzi u l-kompiti kif definiti fit-Trattati (l-Artikolu 51(2) tal-Karta).

Fir-rigward tal-proposta biex jitqiesu l-konfini lingwistiċi, etniċi u kulturali meta tiġi fformata n-NUTS, għandu jiġi indikat li l-emendi għall-klassifikazzjoni NUTS tal-unitajiet territorjali jsiru wara proposta mill-Istat Membru permezz tal-uffiċċji nazzjonali tagħhom tal-istatistika. Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, l-unitajiet territorjali huma definiti abbażi ta' “unitajiet amministrattivi” - żoni ġeografiċi b'awtoritajiet amministrattivi li kapaċi jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi jew ta' politika għal dawk iż-żoni fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali tal-Istat Membru. Jiġifieri, id-definizzjoni ta' tali unitajiet amministrattivi u kwalunkwe bidla f'tali definizzjoni jaqgħu kompletament taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Kif indikat hawn fuq, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, huwa possibbli li l-unitajiet amministrattivi kontigwi jiġu aggregati biex jiġi żgurat li dawn l-unitajiet aggregati jkunu fil-limiti tal-popolazzjoni stabbiliti minn dak ir-Regolament, jew biex saħansitra jiddevjaw minn dawn il-limiti minħabba ċirkostanzi ġeografiċi, soċjoekonomiċi, storiċi, kulturali jew ambjentali partikolari. Għalhekk, il-qafas jippermetti devjazzjonijiet mill-kriterju definit fl-Artikolu 3(1) minħabba ċirkostanzi storiċi jew kulturali, li jistgħu jikkoinċidu mas-sitwazzjonijiet tal-minoranzi nazzjonali. Madankollu, hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru, li jiddeċiedi skont il-liġi nazzjonali jekk għandux iqis dawk l-elementi fl-organizzazzjoni tal-mappa amministrattiva nazzjonali li tiffirma l-bażi għar-reġjuni NUTS filwaqt li jżomm f'moħħu l-oġettivi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003. Kif indikat ukoll hawn fuq, l-Unjoni ma tistax timmodifika l-qafas politiku, amministrattiv jew istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri. Fil-fatt, kif ġie ċċarat iktar 'il fuq, dawn l-unitajiet mhux amministrattivi jikkorrispondu huma stess għal aggregazzjoni ta' unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Istati Membri u huma kkostitwiti bl-għan uniku li tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika dwar il-livell ta' żvilupp ta' dawn id-diversi unitajiet, mingħajr ma jwasslu għall-ħolqien ta' reġjuni proprji b'istituzzjonijiet reġjonali awtonomi u setgħat deċiżjonali, kif previst mill-organizzaturi. Għalhekk, l-Unjoni ma tistax tadotta att li jiddefinixxi r-reġjuni b'minoranza nazzjonali, li kapaċi jibbenefikaw minn attenzjoni speċjali fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, abbażi ta' kriterji awtonomi⁴⁰ u, għalhekk, mingħajr kunsiderazzjoni xierqa tal-*istatus quo* politiku, amministrattiv u istituzzjonali eżistenti fl-Istati Membri inkwistjoni.

⁴⁰ Fir-rigward tal-proposta tal-organizzaturi biex titqies “ir-rieda tal-komunitajiet awtoktoni, espressa permezz ta' referendum lokali” għad-delimitazzjoni tar-reġjuni, huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat li l-Unjoni ma tistax

L-organizzaturi jirreferu wkoll għall-eżempju tal-Ewroreġjuni. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li dawn ma humiex stabbiliti abbażi tad-dritt tal-UE jew fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, iżda pjuttost abbażi ta' ftehimiet intergovernattivi li daħlu għalihom volontarjament ir-reġjuni kkonċernati.

- *L-iżgurar li l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom rigward il-minoranzi nazzjonali. L-organizzaturi jqisu li n-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-impenji jikkostitwixxi ksur tal-valuri elenkati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li potenzjalment jiskatta proċedura ta' ksur kif deskritt fl-Artikolu 7.*

Filwaqt li r-rispett tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi huwa inkorporat fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u l-Kummissjoni tiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati meta jiġi implimentat id-dritt tal-UE, l-UE ma għandha l-ebda kompetenza fir-rigward tal-minoranzi, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent tal-istatus tal-minoranzi, l-awtodeterminazzjoni u l-awtonomija tagħhom, jew ir-reġim li jirregola l-użu ta' lingwi reġjonali jew minoritarji.

F'dawn il-każijiet fejn ma hemm l-ebda kompetenza tal-UE, l-Istati Membri jżommu setgħat ġenerali biex jieħdu deċiżjonijiet dwar il-minoranzi. Għalhekk, peress li, skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati biss lill-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-UE, hija l-kompetenza tal-Istat Membru li jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati f'konformità mal-obbligi li ġejjin mill-ordnijiet kostituzzjonali tagħhom jew mill-ftehimiet internazzjonali li jkunu daħlu fihom. Ta' importanza partikolari huma l-Karta Ewropea għal-lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, li jibqgħu l-qafas legali rilevanti tad-dritt internazzjonali għal dawk l-Istati Membri li ffirmaw u rratifikaw dawk il-ftehimiet.

3.2. Proposti fl-ambitu tal-IĊE kif irreġistrati mill-Kummissjoni

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tqis il-proposta li tespandi l-lista ta' reġjuni li huma anqas favoriti fl-Artikolu 174 tat-TFUE biex jiġu inklużi kategoriji ġodda bħar-reġjuni nazzjonali, kif ukoll il-proposta biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-finanzjament tal-Unjoni u li jiġi żgurat li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx b'modi li jbiddu l-kompożizzjoni etnika, l-identità reġjonali, jew il-wirt kulturali ta' reġjuni nazzjonali biex jaqgħu taħt l-ambitu tal-IĊE kif irreġistrati mill-Kummissjoni.

- *L-espansjoni tal-lista ta' reġjuni li huma anqas favoriti msemmija fl-Artikolu 174 tat-TFUE biex jiġu inklużi kategoriji ġodda, bħal reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, lingwistiċi u kulturali distinti, imsejja reġjuni ta' minoranza nazzjonali/etnika.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 174 tat-TFUE jiddeskrivi l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE f'termini ġenerali u jagħti lill-Unjoni Ewropea diskrezzjoni estensiva fir-rigward

timponi fuq l-Istati Membri l-organizzazzjoni ta' referendum lokali, peress li din hija prerogattiva kostituzzjonali tal-Istati Membri.

tal-azzjonijiet li tista' tieħu fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, filwaqt li tqis kunċett wiesa' tar-reġjuni li jistgħu jkunu kkonċernati minn dawk l-azzjonijiet⁴¹.

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 tat-TFUE jispeċifika li “[f]ost ir-reġjuni kkonċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil [...] reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti”⁴². Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li din il-lista hija indikattiva, mhux eżawrjenti⁴³. Madankollu, irrispettat ukoll l-analiżi tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, *Izsák u Dabis vs Il-Kummissjoni*⁴⁴, li skontha l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi ma jistgħux jitqiesu li sistematikament jikkostitwixxu żvantaġġ għall-iżvilupp ekonomiku fir-rigward tar-reġjuni tal-madwar⁴⁵. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi eskcludiet il-possibbiltà li reġjun b'minoranza nazzjonali jista', minħabba l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi tiegħu, sistematikament jiffirma parti mir-“reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti” skont it-tifsira tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 tat-TFUE, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod korrett il-kunċett ta' “reġjuni kkonċernati” f'dik id-dispożizzjoni⁴⁶.

Fi kwalunkwe każ, l-UE ma hijiex preklużi milli tadotta miżuri skont l-Artikoli 177 u 178 tat-TFUE biex tqis ir-rispett għal persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali u lingwistiċi, diment li taġixxi fi ħdan is-setgħat mogħtija lilha minn dawk id-dispożizzjonijiet. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li n-nuqqas ta' riferiment espliċitu għar-rispett għal persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali u lingwistiċi bħala wieħed mill-oġġettivi speċifiċi tagħhom f'dawk l-Artikoli ma jipprekludix lill-Unjoni Ewropea milli tadotta, fil-qafas tas-setgħat li teżerċita abbażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet, miżuri li jqisu tali oġġettiv⁴⁷.

Madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa xieraq li tittieħed kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva ulterjuri biex jintlaħaq tali oġġettiv għar-raġunijiet li ġejjin:

⁴¹ Is-sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2019, *Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis vs Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-420/16 P, EU:C:2019:177, il-paragrafu 68.

⁴² L-Artikolu 174, it-tielet paragrafu, tat-TFUE: “Fost ir-reġjuni kkonċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal pereżempju r-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi.”

⁴³ Is-sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2019, *Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis vs Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-420/16 P, EU:C:2019:177, il-paragrafu 69.

⁴⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-10 ta' Mejju 2016, *Izsák u Dabis vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-529/13, EU:T:2016:282, il-paragrafi 87 u 89.

⁴⁵ Is-sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2019, *Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis vs Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-420/16 P, EU:C:2019:177, il-paragrafu 70.

⁴⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2019, *Balázs-Árpád Izsák u Attila Dabis vs Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-420/16 P, EU:C:2019:177, il-paragrafu 71: “Minn dan isegwi li, meta fil-punti 85 sa 89 tas-sentenza appellata eskcludiet li reġjun b'minorità nazzjonali jista', fid-dawl tal-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi speċifiċi tiegħu, jagħmel sistematikament parti minn “reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti”, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 TFUE, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod korrett il-kunċett ta' “reġjun ikkonċernat” li jinsab f'din id-dispożizzjoni u, għalhekk, ma wettqitx żball ta' liġi dwar dan il-punt.”

⁴⁷ Is-sentenza tal-Qorti tal-24 ta' Settembru 2019, *Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-391/17, EU:T:2019:672, il-paragrafu 64.

- Il-politika ta' koeżjoni hija implimentata b'ġestjoni kondiviża u topera fir-rigward tal-qafas istituzzjonali tal-Istati Membri (l-Artikolu 4(2) tat-TUE). F'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri għandhom iħejju u jimplimentaw programmi fil-livell territorjali xieraq f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom. L-approċċ ibbażat fuq il-post tal-politika ta' koeżjoni jipprovdi lill-Istati Membri bi flessibbiltà biex jallokaw finanzjament lir-reġjuni abbażi tal-ħtiġijiet identifikati biex jiġu indirizzati d-disparitajiet soċjoekonomiċi u territorjali, peress li huma familjari mal-kuntest speċifiku tar-reġjuni kkonċernati.

F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni toffri biżżejjed possibbiltajiet biex jiġu ffinanzjati operazzjonijiet li jappoġġaw gruppi vulnerabbli, inkluż il-minoranzi, il-kultura, u l-wirt kulturali. Dan jinkludi l-infrastruttura, l-apparat u l-interventi ta' kapital uman li jrawmu aċċess ugwali għal servizzi inklużivi u ta' kwalità, jikkontribwixxu għar-restawr, il-preservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u storiku u jrawmu r-rwol tas-settur fl-iżvilupp ekonomiku, fl-inklużjoni soċjali u fil-protezzjoni tad-diversità tar-reġjuni Ewropej. It-tfassil u l-qafas legali tal-politika ta' koeżjoni jippermettu lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ minn dawn il-possibbiltajiet u jappoġġaw tali investimenti mmirati, inkluż ukoll bħala parti minn strateġiji integrati ta' żvilupp territorjali jew fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri. L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jieħdu deċiżjonijiet ta' programmazzjoni li jirriflettu r-realtàjiet lokali. Dan jippermettilhom jingranaw il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni b'mod effettiv, f'konformità mal-prioritajiet nazzjonali u reġjonali tagħhom u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' oqfsa strateġiċi fit-tul. Huwa b'dan il-mod li jkun hemm konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5 tat-TUE).

- Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda evidenza li tappoġġa d-dikjarazzjoni li l-karatteristiċi etniċi, nazzjonali, kulturali, reliġjużi, jew lingwistiċi speċifiċi tar-reġjuni għandhom impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku jew soċjali tagħhom meta mqabbla mar-reġjuni tal-madwar. Bħala regola ġenerali, it-tkabbir ekonomiku jiddependi minn ħafna fatturi u politiki strutturali fis-seħħ, li jfixxlu kwalunkwe ġeneralizzazzjoni bħal din. Fatturi bħad-dotazzjonijiet naturali, l-aċċessibbiltà tas-suq, jew il-prossimità għall-innovaturi ġeneralment jitqiesu bħala d-determinanti prinċipali tar-rati ta' tkabbir differenti fir-reġjuni kollha.

- *L-iżgurar li l-Fondi tal-Unjoni ma jintużawx b'modi li jbiddu l-kompożizzjoni etnika, l-identità reġjonali, jew il-wirt kulturali tar-reġjuni nazzjonali. Dan jinkludi l-prevenzjoni tal-użu ta' Fondi tal-Unjoni biex jiġu appoġġati l-politiki dwar l-impjiegi li jinkoraġġixxu r-residenza ta' forza tax-xogħol bi sfondi kulturali jew lingwistiċi differenti.*

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni diġà jistgħu jikkontribwixxu għall-preservazzjoni ta' karatteristiċi lingwistiċi u kulturali reġjonali bil-għan ta' żvilupp ekonomiku reġjonali u nazzjonali⁴⁸. Madankollu, id-dritt għal-libertà tal-moviment

⁴⁸ F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1058, l-investimenti li jappoġġaw l-industriji kreattivi u kulturali, is-servizzi kulturali u siti ta' wirt kulturali jistgħu jiġu ffinanzjati taħt kwalunkwe objettiv ta' politika dment li dawn jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi u li jaqgħu fl-ambitu tal-appoġġ mill-FEŻR.

jibqa' l-pedament tal-Unjoni Ewropea. Kif stabbilit fl-Artikolu 21(1) tat-TFUE⁴⁹ u fl-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali⁵⁰, kull ċittadin tal-UE għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Kwalunkwe tentattiv biex tiġi evitata r-residenza ta' ħaddiema bi sfondi kulturali jew lingwistiċi differenti jmur kontra dan id-dritt u jimmina l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. L-FSE+ jappoġġa l-integrazzjoni tal-ħaddiema li jagħżlu li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment, irrispettivament mill-orijini, mil-lingwa jew mill-kultura tagħhom.

Il-kooperazzjoni territorjali hija kritika biex jitneħħew l-ostakli għall-mobbiltà transfruntiera u jiġu żviluppati servizzi pubbliċi transfruntiera filwaqt li fl-istess ħin tiġi promossa d-diversità lingwistika u kulturali eżistenti bħala riżorsi pożittivi li jistgħu jrawmu approċċi aktar integrati, inklużivi u innovattivi għall-iżvilupp reġjonali u għall-koeżjoni territorjali. L-iżvilupp ta' strateġiji territorjali integrati transfruntiera, flimkien mal-promozzjoni ta' skemi dedikati għal proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala żgħira u bejn il-persuni, urew il-valur miżjud tagħhom biex jattiraw tip ġdid ta' benefiċjarji, irawmu l-involvement tas-soċjetà ċivili, u jħaddnu speċifiċitajiet u karatteristiċi territorjali. Tali approċċi għandhom jinżammu u jissaħħu ulterjorment fil-futur.

Billi tenfasizza l-valur tad-diversità filwaqt li tiżgura l-integrazzjoni, l-UE tista' tipproteġi l-identitajiet reġjonali mingħajr ma tfixxkel l-iżvilupp ekonomiku fit-territorji tagħha.

Barra minn hekk, il-qafas legali attwali tal-politika ta' koeżjoni diġà jinkludi salvagwardji biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (bħal prinċipji orizzontali, kriterji u proċeduri tal-għażla, arranġamenti għat-trattament tal-ilmenti, l-involvement tas-sħab rilevanti, kundizzjonijiet abilitanti).

Li jkun hemm kriterji u proċeduri xierqa fis-seħħ għall-għażla tal-operazzjonijiet huwa wieħed mir-rekwiżiti ewlenin għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-programmi. Il-Kummissjoni teżamina dan matul il-ħidma tal-awditjar tagħha. Jekk dan ir-rekwiżit ewlieni ma jiffunzjonax b'mod effettiv, dan jista' jikkostitwixxi nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll li, fin-nuqqas ta' miżuri ta' rimedju xierqa mill-Istati Membri, jista' jwassal għall-interruzzjoni jew għas-sospensjoni tal-pagamenti, kif ukoll għal korrezzjonijiet finanzjarji.

F'konformità mal-qafas legali tal-politika ta' koeżjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jistabbilixxu arranġamenti li jiżguraw l-eżami effettiv tal-ilmenti relatati mal-Fondi.

Barra minn hekk, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet abilitanti, huma meħtieġa jimplementaw mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jinkludu miżuri biex jiġi żgurat li l-programmi appoġġati mill-fondi u l-implimentazzjoni tagħhom jaderixxu mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-

⁴⁹ L-Artikolu 21(1) tat-TFUE: "Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettagħ."

⁵⁰ L-Artikolu 45 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali: "1. Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt tal-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri.
2. Il-libertà ta' moviment u ta' residenza tista' tingħata, skont it-Trattati, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru."

Karta, kif ukoll arranġamenti għar-rapportar ta' nuqqas ta' konformità mal-Karta lill-kumitati ta' monitoraġġ, inkluż ilmenti relatati mal-Karta.

Barra minn hekk, l-inklużjoni tas-sħubija – li tinvolvi speċifikament is-sħab rilevanti fil-kumitati ta' monitoraġġ responsabbli għall-approvazzjoni tal-kriterji tal-għażla – tipprovdi salvagwardja addizzjonali kontra prattiki diskriminatorji. Is-sħab rilevanti jistgħu jinkludu l-korpi tal-ugwaljanza. Dawn il-korpi huma organizzazzjonijiet pubbliċi li jassistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni, u jikkontribwixxu biex titqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet u l-valur soċjetali tal-ugwaljanza.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa t-tfassib u l-proposti mressqa mill-IĊE u tirrikonoxxi l-importanza tal-kwistjonijiet imqajma. Madankollu, f'konformità mat-Trattati tal-UE, ir-rispons tal-Kummissjoni huwa neċessarjament inkwadrat mil-limiti tal-kompetenza tagħha. B'riżultat ta' dan, l-IĊE għet irreġistrata mill-Kummissjoni b'mod kwalifikat, b'ċerti proposti jiġu esklużi peress li jaqgħu barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni skont it-Trattati tal-UE.

Fir-rigward tal-proposti lil hinn mill-ambitu tal-IĊE kif irreġistrati mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tinnotta li l-UE ma għandhiex il-kompetenza li tiegħu azzjoni legali dwar il-proposta biex tiddefinixxi "reġjuni nazzjonali", tidentifika jew telenka tali reġjuni, tikkunsidra l-konfini lingwistiċi, etniċi u kulturali meta toħloq in-NUTS, jew tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom dwar il-minoranzi nazzjonali. Għalhekk, dawn il-proposti ma humiex indirizzati fit-tweġiba tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-proposta biex tiġi estiża l-lista ta' reġjuni li huma anqas favoriti fl-Artikolu 174 tat-TFUE biex jiġu inklużi kategoriji ġodda, il-Kummissjoni ma tqisx li hemm biżżejjed evidenza biex tappoġġa d-dikjarazzjoni li reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi li huma differenti minn dawk tar-reġjuni tal-madwar huma sistematikament żvantaġġati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnotta li l-politika ta' koeżjoni hija implimentata b'ġestjoni kondiviża. F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni trid topera fi ħdan il-qafas istituzzjonali ta' kull Stat Membru. Filwaqt li l-approċċ ibbażat fuq il-post jipprovdi lill-Istati Membri bi flessibbiltà biex jallokaw il-finanzjament lit-territorji abbażi tal-ħtiġijiet identifikati biex jiġu indirizzati d-disparitajiet soċjoekonomiċi u territorjali, id-deċiżjoni dwar kif għandhom jitqassmu dawn il-fondi fit-territorju tagħhom tibqa' l-prerogattiva tal-Istat Membru u ma hijiex kompetenza tal-UE.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-qafas leġislativ li bħalissa huwa applikabbli għall-politika ta' koeżjoni fih salvagwardji, li ma kinux fis-seħħ meta t-talba għar-reġistrazzjoni tal-IĊE għet ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 2013, biex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jiġu evitati Prattiki diskriminatorji. Ir-regoli eżistenti jipprovdu wkoll l-għodod meħtieġa biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw il-minoranzi u l-gruppi emarġinati.

F'dan l-isfond, filwaqt li tiegħu n-nondiskriminazzjoni bis-serjetà ħafna, il-Kummissjoni ma tqisx li att leġislativ għdid huwa meħtieġ jew xieraq.

Il-Kummissjoni se tibqa' vġilanti u proattiva sabiex tiżgura aċċess nondiskriminatorju għall-finanzjament tal-Unjoni fi ħdan il-politika ta' koeżjoni. Hija tinsab lesta li tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tinforza trattament ugwali matul l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti.

Għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet politika msaħħa u mmodernizzata ta' koeżjoni u tkabbir, li taħdem fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u li tiżgura li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi adegwati biex tiġi evitata kwalunkwe

forma ta' diskriminazzjoni. Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali kif proposti mill-Kummissjoni⁵¹ se jsaħħu r-rabta bejn l-appoġġ finanzjarju skont il-baġit tal-UE u r-rispett tal-Istat tad-Dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sħubija ta' minoranzi nazzjonali. B'mod partikolari, skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jridu jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali matul l-implimentazzjoni tal-Pjan kif ukoll jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Meta Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni mhux se tagħmel il-pagamenti korrispondenti. FFI-aħħar nett, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jissodisfaw ir-rekwiżiti ewlenin għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, b'mod partikolari billi jiżguraw "Kriterji u proċeduri trasparenti u nondiskriminatorji xierqa għall-għażla tal-operazzjonijiet biex tiġi mmassimizzata l-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni lejn il-kisba tal-oġettivi tal-Pjan u jiġu rrispettati l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea". Dan se jiżgura r-rispett sħiħ tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sħubija ta' minoranzi nazzjonali.

⁵¹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-baħar, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025) 565 final, 16.7.2025.